

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 177

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

3 ta' Ġunju 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 177/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8257 — NN Group/Delta Lloyd) ⁽¹⁾	1
2017/C 177/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8392 — Bolloré/Vivendi) ⁽¹⁾	1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 177/03	Rata tal-kambju tal-euro	2
2017/C 177/04	Adozzjoni ta' Deċizzjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifika mir-Rumanija ta' pjan nazzjonali tranżitorju modifikat imsemmi fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali	3

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Avviżi

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 177/05	Avviż — Konsultazzjoni Pubblika — Indikazzjonijiet ġeografiċi mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	4
2017/C 177/06	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	14

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI
U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8257 — NN Group/Delta Lloyd)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 177/01)

Fis-7 ta' April 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8257. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8392 — Bolloré/Vivendi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 177/02)

Fl-24 ta' April 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8392. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-2 ta' Ġunju 2017

(2017/C 177/03)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1217	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5169
JPY	Yen Ġappuniż	125,02	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7413
DKK	Krona Daniża	7,4392	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5811
GBP	Lira Sterlina	0,87268	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5552
SEK	Krona Żvediża	9,7433	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 259,95
CHF	Frank Żvizzeru	1,0893	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,4367
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6507
NOK	Krona Norveġiża	9,4918	HRK	Kuna Kroata	7,4113
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 930,95
CZK	Krona Ċeka	26,360	MYR	Ringgit Malażjan	4,8014
HUF	Forint Ungeriż	308,45	PHP	Peso Filippin	55,553
PLN	Zloty Pollakk	4,1925	RUB	Rouble Russu	63,4621
RON	Leu Rumen	4,5653	THB	Baht Tajlandiż	38,306
TRY	Lira Turka	3,9601	BRL	Real Brażiljan	3,6308
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5173	MXN	Peso Messikan	20,8982
			INR	Rupi Indjan	72,2855

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifika mir-Rumanija ta' pjan nazzjonali tranżitorju modifikat imsemmi fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali

(2017/C 177/04)

Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 3619 dwar in-notifika mir-Rumanija ta' pjan nazzjonali tranżitorju modifikat imsemmi fl-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali ⁽¹⁾.

Dan id-dokument jinsab fis-sit tal-Internet li ġej: <https://circabc.europa.eu/faces/jsp/extension/wai/navigation/container.jsp>

⁽¹⁾ ĠUL 334, 17.12.2010, p. 17.

V

(Avviżi)

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AVVIŻ — KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Indikazzjonijiet ġeografiċi mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

(2017/C 177/05)

Matul in-negozjati għaddejjin mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina rigward Ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), l-awtoritajiet Ċiniżi ppreżentaw il-listi meħmuża ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, l-oġġetti tal-ikel, l-inbejjed u l-ispirti, għall-protezzjoni skont il-Ftehim. Il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tikkunsidra jekk dawn il-GIs għandhomx ikunu protetti skont il-Ftehim bħala GIs fit-tifsira tal-Artikolu 22(1) tal-Ftehim TRIPS.

Il-Kummissjoni tistieden lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu, li hi residenti jew stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, biex tressaq oppożizzjoni għat-tali protezzjoni billi tibgħat dikjarazzjoni sostanzjata kif xieraq.

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz elettroniku: AGRI-A4@ec.europa.eu

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għandhom jiġu eżaminati biss jekk jaslu fil-limitu taż-żmien stabbilit hawn fuq u jekk dawn juru li l-protezzjoni tal-isem propost:

- (a) toħloq kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanta jew ta' razza tal-bhejjem u b'hekk x'aktarx tkun tfixkel lill-konsumatur rigward l-orijini vera tal-prodott;
- (b) tkun kompletament jew parzjalment omonima ma' dik ta' isem li diġà huwa protett fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli ⁽²⁾, u skont ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituoż ⁽³⁾, jew li jkun inkluż fil-ftehimiet li l-Unjoni tkun ikkonkludiet mal-pajjiżi li ġejjin:

— L-Awstralja ⁽⁴⁾

— Iċ-Ċili ⁽⁵⁾

— L-Istati EPA SADC (inklużi l-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, is-Swaziland u l-Afrika t'Isfel) ⁽⁶⁾

— L-Iżvizzera ⁽⁷⁾

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽³⁾ ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/49/KE tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja dwar il-kummerċ tal-inbid (ĠU L 28, 30.1.2009, p. 1).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/979/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċertu dispożizzjonijiet ta' Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra (ĠU L 352 30.12.2002, p. 1).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1623 tal-1 ta' Ġunju 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra (ĠU L 250, 16.9.2016, p. 1).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni għal dak li jirrigwarda l-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni ta' seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1), u b'mod partikulari l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar in-negozju tal-prodotti agrikoli – l-Anness 7.

- Il-Messiku ⁽¹⁾
- Il-Korea ⁽²⁾
- L-Amerika Ċentrali ⁽³⁾
- Il-Kolombja u l-Perù ⁽⁴⁾
- L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ⁽⁵⁾
- Il-Kanada ⁽⁶⁾
- L-Istati Uniti ⁽⁷⁾
- L-Albanija ⁽⁸⁾
- Il-Montenegro ⁽⁹⁾
- Il-Bożnija-Herzegovina ⁽¹⁰⁾
- Is-Serbja ⁽¹¹⁾
- Il-Moldova ⁽¹²⁾
- Il-Georgia ⁽¹³⁾

- (c) fid-dawl tar-reputazzjoni u l-fama tal-marka kummerċjali u t-tul ta' żmien li ilha tintuża, tkun responsabbli li tqarraq bil-konsumatur dwar l-identità vera tal-prodott;
- (d) tipperikola l-eżistenza ta' isem jew ta' marka kummerċjali kompletament jew parzjalment identiku/a, jew tipperikola l-eżistenza ta' prodotti li jkunu ilhom fis-suq b'mod legali għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż;
- (e) jew jekk jistgħu jingħataw dettalji li minnhom wieħed jista' jikkonkludi li l-isem li għalih qed titqies il-protezzjoni huwa ġeneriku.

Il-kriterji msemmija hawn fuq għandhom ikunu evalwati b'rabta mat-territorju tal-Unjoni, li fil-każ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jirreferi biss għat-territorju jew għat-territorji fejn dawn id-drittijiet huma protetti. Il-protezzjoni possibbli ta' dawn l-ismijiet fl-Unjoni Ewropea hija soġġetta għall-konklużjoni b'suċċess ta' dawn in-negozjati, kif ukoll għall-att legali sussegwenti.

- ⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/361/KE tas-27 ta' Mejju 1997 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku fuq ir-rikonossiment komuni u l-protezzjoni tad-deskrizzjoni ta' spirti alkoħoliċi (ĠU L 152, 11.6.1997, p. 15).
- ⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/265/UE tas-16 ta' Settembru 2010 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 127, 14.5.2011, p. 1).
- ⁽³⁾ Il-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3).
- ⁽⁴⁾ Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra (ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3).
- ⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/916/KE tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali li jaġġusta l-aspetti kummerċjali tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont tar-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet fir-rigward tal-konċessjonijiet preferenzjali reċiproċi f'ċerti inbejjes, ir-rikonossiment, il-protezzjoni u l-kontroll reċiproku ta' ismijiet ta' inbejjes u r-rikonossiment, il-protezzjoni u l-kontroll reċiproku ta' disinjazzjonijiet għall-ispirti u xorb aromatizzati (ĠU L 342, 27.12.2001, p. 6).
- ⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/91/KE tat-30 ta' Lulju 2003 dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar kummerċ fl-inbejjes u l-ispirti (ĠU L 35, 6.2.2004, p. 1).
- ⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/232/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kummerċ tal-inbid (ĠU L 87, 24.3.2006, p. 1).
- ⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni 2006/580/KE tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2006 dwar l-iffirmar u l-Konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ u Affarijiet marbuta mal-Kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra - il-Protokoll 3 dwar konċessjonijiet preferenzjali reċiproċi għal ċerti nbejjes, l-għarfien reċiproku, il-protezzjoni u l-kontroll tal-ismijiet tal-inbid, tax-xorb alkoħoliċi u tal-inbejjes aromatizzati (ĠU L 239, 1.9.2006, p. 1).
- ⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni 2007/855/KE tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Provviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra (ĠU L 345, 28.12.2007, p. 1).
- ⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/474/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Bożnija u Herzegovina, min-naħa l-oħra (ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10) – Il-Protokoll 6.
- ⁽¹¹⁾ Id-Deċiżjoni 2010/36/KE tal-Kunsill tad-29 ta' April 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Provviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 28, 30.1.2010, p. 1).
- ⁽¹²⁾ 2013/7/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 10, 15.1.2013, p. 3).
- ⁽¹³⁾ 2012/164/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 93, 30.3.2012, p. 1).

Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, oġġetti tal-ikel, inbejjed u spirti ⁽¹⁾

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
1	安吉白茶	Anji Bai Cha	Anji White Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
2	安溪铁观音	Anxi Tie Guan Yin	Anxi Tie Guan Yin	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
3	保山小粒咖啡	Baoshan Xiao Li Ka Fei	Baoshan Arabica Coffee	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Kafè
4	赣南脐橙	Gannan Qi Cheng	Gannan Navel Orange	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
5	霍山黄芽	Huoshan Huang Ya	Huoshan Yellow Bud Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
6	郫县豆瓣	Pixian Dou Ban	Pixian Bean Paste	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Pejst tal-fażola
7	普洱茶	Pu'er Cha	Pu'er Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
8	山西老陈醋	Shanxi Lao Chen Cu	Shanxi Aged Vinegar	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Hall
9	烟台苹果	Yantai Ping Guo	Yantai Apple	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
10	坦洋工夫	Tanyang Gong Fu	Tanyang Gongfu Black Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
11	白城绿豆	Baicheng Lü Dou	Baicheng Mung Bean	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Fażola
12	肇源大米	Zhaoyuan Da Mi	Zhaoyuan Rice	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross

(¹) Lista mogħtija mill-awtoritajiet Ċiniżi fil-qafas tan-negozjati li għaddejjin bħalissa, irreġistrata fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
13	婺源绿茶	Wuyuan Lü Cha	Wuyuan Green Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
14	福州茉莉花茶	Fuzhou Mo Li Hua Cha	Fuzhou Jasmine Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
15	房县香菇	Fangxian Xiang Gu	Fangxian Mushroom	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ
16	南丰蜜桔	Nanfeng Mi Ju	Nanfeng Sweet Orange	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
17	苍山大蒜	Cangshan Da Suan	Cangshan Garlic	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Tewm
18	房县黑木耳	Fangxian Hei Mu Er	Fangxian Black Fungus	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ
19	凤冈锌硒茶	Fenggang Xin Xi Cha	Fenggang Zinc Selenium Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
20	库尔勒香梨	Kuerle Xiang Li	Korla Pear	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
21	邳州大蒜	Pizhou Da Suan	Pizhou Garlic	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Tewm
22	安岳柠檬	Anyue Ning Meng	Anyue Lemon	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati
23	正山小种	Zhengshan Xiao Zhong	Lapsang Souchong	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
24	兴化香葱	Xinghua Xiang Cong	Xinghua Chive	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Kurrat selvaġġ deidrat
25	祁门红茶	Qimen Hong Cha	Qimen Black Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
26	宜宾芽菜	Yibin Ya Cai	Yibin Bean Sprout	Frott, ħxejjex u ċereali friski jew ipproċessati - rimjiet tal-fażola (ħaxix tal-pikles)
27	静宁苹果	Jingning Ping Guo	Jingning Apple	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
28	安丘大姜	Anqiu Da Jiang	Anqiu Ginger	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Ġiġer
29	建宁通心白莲	Jianning Tong Xin Bai Lian	Jianning White Lotus Nut	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Lotus nut
30	松溪绿茶	Songxi Lü Cha	Songxi Green Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
31	罗平小黄姜	Luoping Xiao Huang Jiang	Luoping Yellow Ginger	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Ġiġer
32	苍溪红心猕猴桃	Cangxi Hong Xin Mi Hou Tao	Cangxi Red Kiwi Fruit	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
33	庆元香菇	Qingyuan Xiang Gu	Qingyuan Mushroom	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqieġh
34	长寿沙田柚	Changshou Sha Tian You	Changshou Sha Tian Pomelo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
35	凤凰单丛	Fenghuang Dan Cong	Fenghuang Single Cluster	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
36	涪城麦冬	Fucheng Mai Dong	Fucheng Ophiopogon japonicus	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - tuberu
37	狗牯脑	Gou Gu Nao	Gougunao Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
38	武夷山大红袍	Wuyishan Da Hong Pao	Mount Wuyi Da Hong Pao	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
39	晋州鸭梨	Jinzhou Ya Li	Jinzhou Pear	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
40	吐鲁番葡萄干	Turpan Pu Tao Gan	Turpan Raisin	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Żbib
41	安化黑茶	Anhua Hei Cha	Anhua Dark Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
42	嵊泗贻贝	Shengsi Yi Bei	Shengsi Mussel	Ħut frisk, molluski u krustaċi, u prodotti magħmulin minnhom - Mussels
43	辽中玫瑰	Liaozhong Mei Gui	Liaozhong Rose	Fjuri u pjanti ornamentali oħrajn - Fjuri
44	横县茉莉花茶	Hengxian Mo Li Hua Cha	Hengxian Jasmine Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
45	蒲江雀舌	Pujiang Que She	Pujiang Que She Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
46	峨眉山茶	Emeishan Cha	Mount Emei Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
47	朵贝茶	Duobei Cha	Duobei Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
48	五常大米	Wuchang Da Mi	Wuchang Rice	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross
49	福鼎白茶	Fuding Bai Cha	Fuding White Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
50	吴川月饼	Wuchuan Yue Bing	Wuchuan Mooncake	Ħobż, għaġina, kejkijiet, hlewviet, gallettini u prodotti oħra tal-furnar - Għaġina
51	兴隆咖啡	Xinglong Ka Fei	Xinglong Coffee	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Kafè
52	绍兴酒	Shaoxing Jiu	Shaoxing Rice wine	Xarba alkoħolika mir-ross

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
53	贺兰山东麓葡萄酒	Helanshan Dong Lu Pu Tao Jiu	Helan Mountain East Region Wine	Inbid
54	桓仁冰酒	Huanren Bing Jiu	Huanren Ice Wine	Inbid
55	烟台葡萄酒	Yantai Pu Tao Jiu	Yantai Wine	Inbid
56	惠水黑糯米酒	Huishui Hei Nuo Mi Jiu	Huishui Black Gluti- nous Rice Wine	Xarba alkoħolika mir-ross
57	西峡香菇	Xixia Xiang Gu	Xixia Mushroom	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqiegħ
58	红崖子花生	Hongyazi Hua Sheng	Hongyazi Peanut	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Karawett
59	武夷岩茶	Wuyi Yan Cha	Wuyi Rock Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
60	英德红茶	Yingde Hong Cha	Yingde Black Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
61	剑南春酒	Jian Nan Chun Jiu/Jian Nan Chun Chiew	Jian Nan Chun Liquor	Spirti
62	高炉家酒（高炉酒）	Gao Lu Jia Jiu/Gao Lu Jiu	Gao Lu Jia Liquor/Gao Lu Liquor	Spirti
63	扳倒井酒	Ban Dao Jing Jiu	Ban Dao Jing Liquor	Spirti
64	沙城葡萄酒	Shacheng Pu Tao Jiu	Shacheng Wine	Inbid
65	茅台酒（贵州茅台酒）	Moutai Jiu (Kweichow Moutai Jiu)/Moutai Chiew (Kweichow Moutai Chiew)	Moutai Liquor/ Kweichew Moutai Liquor	Spirti
66	五粮液	Wu Liang Ye	Wuliangye	Spirti
67	盘锦大米	Panjin Da Mi	Panjin Rice	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
68	吉县苹果	Jixian Ping Guo	Jixian Apple	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
69	鄂托克阿尔巴斯山羊肉	Etuo ke Aerba si Shan Yang Rou	Otog Arbas Goat Meat	Laħam frisk (u l-ġewwieni) - Laħam tal-mogħoż
70	扎兰屯黑木耳	Zhalantun Hei Mu Er	Zhalantun Black Fungus	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqieġh
71	岫岩滑子蘑	Xiuyan Hua Zi Mo	Xiuyan Mushroom-slide	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqieġh
72	东港大黄蚬	Donggang Da Huang Xian	Donggang Surf Clam	Ħut frisk, molluski u krustaċi, u prodotti magħmulin minnhom - Gandoffli
73	东宁黑木耳	Dongning Hei Mu Er	Dongning Black Fungus	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqieġh
74	南京盐水鸭	Nanjing Yan Shui Ya	Nanjing Salted Duck	Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.) - Laħam tal-papra
75	千岛银珍	Qiandao Yin Zhen	Qiandao Rari Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
76	泰顺三杯香茶	Taishun San Bei Xiang Cha	Taishun three cups of incense Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
77	金华两头乌猪	Jinhua Liang Tou Wu Zhu	Jinhua Pig	Laħam frisk (u l-ġewwieni) - Laħam tal-majjal
78	罗源秀珍菇	Luoyuan Xiu Zhen Gu	Luoyuan Pleurotus Geesteranus	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Faqqieġh
79	桐江鲈鱼	Tongjiang Lu Yu	Tongjiang Bass	Ħut frisk, molluski u krustaċi, u prodotti magħmulin minnhom - Ħut
80	乐安竹笋	Le'an Zhu Sun	Le'an Bamboo Shoots	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ħaxix

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
81	莒南花生	Junan Hua Sheng	Junan Peanut	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Karawett
82	文登苹果	Wendeng Ping Guo	Wendeng Apple	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
83	安丘大葱	Anqiu Da Cong	Anqiu Chinese Onion	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ħaxix
84	香花辣椒	Xianghua La Jiao	Xianghua Pepper	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ħaxix
85	麻城福白菊	Macheng Fu Bai Ju	Macheng Chrysanthemum Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
86	潜江龙虾	Qianjiang Long Xia	Qianjiang Crayfish	Ħut frisk, molluski u krustaċi, u prodotti magħmulin minnhom - Ċkal
87	宜都宜红茶	Yidu Yi Hong Cha	Yidu Black Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
88	大埔蜜柚	Dapu Mi You	Tai Po Honey Pomelo	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
89	桂平西山茶	Guiping Xi Shan Cha	Guiping Xishan Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè
90	百色芒果	Baise Mang Guo	Baise Mango	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
91	巫溪洋芋	Wuxi Yang Yu	Wuxi Potato	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - ħxejjex
92	四川泡菜	Sichuan Pao Cai	Sichuan Style Pickle	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Pikles
93	纳溪特早茶	Naxi Te Zao Cha	Naxi Early Spring Tea	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Tè

	Isem kif irreġistrat fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Traskrizzjoni (*)	Traduzzjoni (*)	Deskrizzjoni fil-qosor
94	普洱咖啡	Pu'er Ka Fei	Pu'er Coffee	Prodotti oħra tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar eċċ.) - Kafè
95	横山大明绿豆	Hengshan Da Ming Lü Dou	Hengshan Daming Mung Bean	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Fażola
96	眉县猕猴桃	Meixian Mi Hou Tao	Meixian Kiwifruit	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Frott
97	天祝白牦牛	Tianzhu Bai Mao Niu	Tianzhu White Yak	Laħam frisk (u l-ġewwieni) - Laħam tal-Jak
98	柴达木枸杞	Chaidamu Gou Qi	Chaidamu Goji Berry	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Goji berry
99	宁夏大米	Ningxia Da Mi	Ningxia Rice	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Ross
100	精河枸杞	Jinghe Gou Qi	Jinghe Goji Berry	Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati - Goji berry

(*) Għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2017/C 177/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

DOKUMENT UNIKU

“FENALÅR FRA NORGE”

Nru tal-UE: NO-PGI-0005-01260 — 27.8.2015

IĠP (X) DOP ()

1. Isem

“Fenalår fra Norge”.

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

In-Norveġja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1)

“Fenalår fra Norge” huwa magħmul mill-koxxa tal-ħaruf u tal-muntun ta' oriġini Norveġiża u jiġi mmellaħ, imnix-xef u mmaturat, u ġieli affumikat. “Fenalår fra Norge” jinkludi l-varjetà Tradizzjonali kif ukoll dik Maturata. “Fenalår fra Norge” jinkludi partijiet sħaħ, kif ukoll partijiet oħra dissussati jew parzjalment dissussati. Ġeneralment, il-qwieqeb u l-partijiet t'isfel tar-riġlejn jitneħħew kompletament jew b'mod parzjali.

“Fenalår fra Norge” għandu togħma robusta ta' laħam, iżda mingħajr il-karatteristiki tat-togħma tal-laħam tan-nagħaġ. “Fenalår fra Norge” irid ikollu riħa inekwivokabbli ta' staġjunar u togħma f'tit mielħa. Il-varjetà Maturata għandu jkollha kontenut ta' melħ ta' inqas minn 7 %. Il-varjetà Tradizzjonali għandu jkollha kontenut ta' melħ ta' inqas minn 9 %. Koxox immarinati jew imħawra jieħdu t-togħma partikolari tal-ħwawar li jintużaw. Il-klin, it-tewm, il-bżar, is-sagħtar u frott żgħir (berries) jintużaw ta' spiss għat-taħwir tal-prodott, kif jintuża wkoll l-għasel.

“Fenalår fra Norge” irid ikollu kulur ħamrani uniformi, b'konsistenza tarija sa medjatament soda jew soda, u m'għandux ikollu moffa fuqu. Il-laħam ma jridx ikollu xifer niexef u x-xaħam għandu jkollu kulur dehbi ħafif.

Il-varjetà Tradizzjonali għandu jkollha minimu ta' dessikazzjoni ta' 30 %, filwaqt li l-varjetà Maturata għandu jkollha minimu ta' dessikazzjoni ta' 35 %. Normalment, il-proċess tat-tnixxif u l-maturazzjoni tal-varjetà Tradizzjonali jdum bejn tliet (3) xhur u sitt (6) xhur, filwaqt li l-varjetà Maturata teħtieġ bejn ħames (5) xhur u disa' (9) xhur. Bħala regola ġenerali, “Fenalår fra Norge” għandu jinbiegħ b'valur a_w (attività tal-ilma) ta' inqas minn 0,90.

Il-metodu regolari tal-affumikar huwa dak tal-affumikar fil-kesħa, b'biċċiet tal-injam tal-fagu. F'ċerti każijiet jintuża l-injam tal-ġnibru minflok dak tal-fagu.

Għall-ħaruf, il-piż normali ta' koxxa sħiħa wara t-tnixxif huwa ta' bejn 1,4 kg u 2,1 kg. Fil-każ ta' annimali adulti, il-piż ikun ta' bejn 2,0 kg u 4,2 kg.

3.3. Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

Il-materja prima għal “Fenalår fra Norge” għandha tkun koxxa tal-ħaruf jew tal-muntun, minn annimali mwielda, imrobbija u maqtula fin-Norveġja kif definit fl-Artikolu 4. Jistgħu jintużaw kemm koxox friski kif ukoll koxox iffriżati/li tinħallilhom il-friża, iżda l-koxox iffriżati/li tinħallilhom il-friża ma jridux ikunu minn annimali ta' età akbar minn 12-il xahar.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Jintghu jintużaw ir-razez bħan-nagħġa bajda Norveġija, in-nagħġa Dala, in-nagħġa Norveġija mrobbija għall-ġilda u n-nagħġa tar-razza qadima lokali Norveġija ta' denbha qasir, kif ukoll taħlitiet ta' dawn ir-razez differenti. Is-soltu, il-ħrief jiġu maqtula meta jilħqu età ta' bejn 7 u 8 xhur, u l-annimali adulti meta jilħqu età ta' bejn sena u 5 snin.

Aktar minn 90 % tal-annimali jinqatlu bejn ix-xhur ta' Settembru u Novembru.

Il-pH tal-koxox, li għandu jkun ta' bejn 5,5 u 1-5,8, għandu jitkejjel billi jiġi analizzat il-pH ta' bistekka. Matul il-proċess, il-koxox għandhom jiġu massaġġati u ppressati għal traċċi ta' demm. Matul il-produzzjoni, it-temperatura għandha tkun ta' inqas minn 7 gradi Celsius, iżda huwa rrakkomandat li t-temperatura tinżamm bejn 1 u 4 gradi Celsius sakemm jitlesta l-proċess tal-istaġunar tal-koxox bil-melħ. It-tnixxif għandu jsir fi klima b'livell xieraq ta' umdità u b'temperatura adattata. Kull koxxa għandha tiġi ċekkjata b'mod manwali biex il-proċess tat-tnixxif jiġi mmonitorjat u biex il-koxox jitneħħew eżatt meta jkun tnixxfu kemm suppost.

Il-koxox tal-ħaruf jiġu ffriżati f'temperaturi ta' inqas minn - 18 grad Celsius. Il-proċess tat-tneħħija tal-friża minn koxox tal-ħaruf iffriżati għandu jsir f'temperaturi kkontrollati taħt is-7 gradi Celsius.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

"Fenalår fra Norge" għandu jiġi prodott, ipproċessat u rfinut fin-Norveġja kif definit fil-punt 4. Il-materja prima għal "Fenalår fra Norge" għandha tkun koxxa tal-ħaruf jew tal-muntun, minn annimali mwielda, imrobbija u maqtula fin-Norveġja kif definit fil-punt 4.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-thakkik, l-ippakkjar, eċc.*

"Fenalår fra Norge" jista' jinbiegħ bħala koxxa sħiħa bl-għadma, bħala koxxa sħiħa mingħajr għadma jew inkella mqatta' flieli. Il-prodott dissussat jista' jinbiegħ f'biċċiet sħaħ jew imqatta' flieli. Ġeneralment, il-flieli jkun rqaq (bejn 0,6 mm u 1,2 mm).

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Fuq it-tikketta ta' "Fenalår fra Norge" għandha tidher id-deżinjazzjoni Tradizzjonali jew Maturat.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

"Fenalår fra Norge" għandu jiġi prodott, ipproċessat u rfinut in-Norveġja, li hawnhekk hija definita bħala r-Renju tan-Norveġja, bl-eċċezzjoni ta' Svalbard u ta' Jan Mayen.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika protetta ssejset fuq ir-reputazzjoni.

"Fenalår fra Norge" huwa prodott uniku min-Norveġja, kemm fir-rigward tal-isem kif ukoll fir-rigward tal-metodu ta' produzzjoni. Definizzjoni komuni tiegħu hija "koxxa ppreżervata tal-laħam tal-muntun u tal-ħaruf". Id-deżinjazzjoni fenalår ilha żmien twil tintuża fin-Norveġja iżda, madankollu, ma nstabx li d-deżinjazzjoni intużat ukoll f'pajjiżi oħra.

In-Norveġja għandha tradizzjoni twila ta' trobbija estensiva tan-nagħaġ. Dan jista' jiġi attribwit lill-klima kiesħa, kif ukoll lit-topografija tan-Norveġja, li t-territorju tagħha jinkludi ħafna bwar u artijiet pendili.

In-Norveġja għandha tradizzjoni twila u kontinwa ta' produzzjoni ta' "Fenalår fra Norge" li tista' tiġi dokumentata. Fl-1555, dwar il-laħam tal-muntun Olaus Magnus kiteb li "in-nies tat-Tramuntana jieklu l-laħam tal-muntun nej is-sena kollha, bħalma jieklu wkoll kważi kull tip ta' laħam ieħor, wara li jkun tħalla fis-salmura u jkun ġie affumikat u mnixxef f'arja friska - dan il-laħam huwa tajjeb għat-tqaddid u l-istaġunar". Bosta sorsi indiretti jisħqu li x'aktarx il-prodott kien isir fi żmien il-Vikingi (800–1050 w.K.), filwaqt li għadam tan-nagħaġ li nstab, minn madwar is-sena 3000 q.K. (il-perjodu Neolitiku), juri li huwa probabbli li dak iż-żmien diġà kien hemm min qed inixxef il-koxox tal-muntun.

Il-produzzjoni ta' "Fenalår fra Norge" hija tradizzjoni lokali f'kull wiehied mill-erba' reġjuni tan-Norveġja u hija assoċjata man-Norveġja kollha kemm hi. L-għarfien u l-kompetenza dwar kif isir "Fenalår fra Norge" ġew mgħoddja minn ġenerazzjoni għal oħra. Għalhekk, inkisbet kompetenza kbira dwar kif il-produzzjoni għandha tiġi adattata għall-kundizzjonijiet lokali, bħat-temperatura, l-umdità u l-kundizzjonijiet tar-riħ. L-għarfien akkumulat li jintuża fl-għażla tal-kwalità t-tajba tal-koxox tal-muntun, l-għarfien dwar kif il-koxox għandhom jiġu mmassaġġati, l-għarfien relatat mal-proċess tat-tmelli u tat-tnixxif biex tinkiseb it-togħma f'it mielħa, kif ukoll il-konsistenza xierqa, huma kollha fatturi importanti għall-kwalità rinomata ta' "Fenalår fra Norge".

Din it-tradizzjoni twila u mifruxa wasslet biex "Fenalår fra Norge" jikseb reputazzjoni solida fin-Norveġja. Stħarriġ fost il-konsumaturi li sar f'Jannar 2016 jikkonferma li Fenalår fra Norge għandu reputazzjoni b'saħħitha u pożittiva, u li dan il-prodott huwa magħruf sew. Il-konsumaturi jqisu "Fenalår fra Norge" bħala prodott ta' kwalità għolja u bħala prodott uniku u tradizzjonali Norveġiż. "Fenalår fra Norge" jintuża l-aktar matul il-vaganzi, bħal pereżempju fis-17 ta' Mejju (il-Jum Nazzjonali) jew fi żmien il-Milied, kif ukoll fis-sajf meta t-temp ikun sħun.

Sa tmiem l-1900 kien komuni li l-bdiewa Norveġiżi jipproduċu l-prodott għall-użu tagħhom stess. L-għarfien u l-kompetenza għall-produzzjoni ta' "Fenelår fra Norge" ġew mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra, u bħalissa jintużaw ukoll fil-produzzjoni fuq skala ikbar.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispesifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

<https://lovdata.no/dokument/SF/forskrift/2012-10-03-935>

